IL-KNISJA F'MALTA

UFFIĊĊJU KOMUNIKAZZJONI
Arċidjoċesi ta' Malta

14 ta' Novembru 2013

123/2013

## FOND GĦALL-FILIPPINI

Caritas Malta b'kollaborazzjoni ma' Caritas Internationalis qed tappella għal kontribuzzjonijiet ta' flus b'risq dawk il-persuni li tilfu lil qrabathom u djarhom kawża tal-urugan Haiyan, fil-Fillippini. Hemm urġenza kbira għall-għajnuna.

L-Isqof Awżiljarju u Vigarju Ġenerali ta' Malta, Mons Charles J. Scicluna, informa lill-kappillani/arċiprieti kollha permezz ta' ċirkulari tal-Kurja, sabiex isir avviż fil-Knejjes fi tmiem din il-ġimgħa. Id-donazzjonijiet ta' flus jistgħu jingħataw lill-kappillani, jew jitwasslu personalment il-Caritas, jew permezz ta' ċekk indirizzat lil 'Caritas Malta Philippine's Emergency Fund', indirizzat lil Caritas, 5, Triq l-Iljun, Floriana FRN 1514. Jistgħu jiġu depożitati wkoll d-donazzjonijiet ta' flus f'dawn il-kontijiet bankarji:

HSBC 023-167190-050

BOV 4002204948-1

APS 1048901101-5

Il-Knisja f'Malta tirringrazzja lil kullħadd għal kooperazzjoni u l-għajnuna b'risq dawk li qed ibatu.

Kurja tal-Arċisqof
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

Indirizz
P.O. Box 29
Valletta, VLT 1000

Tel. +356 2124 1281
Email. info@maltadiocese.org
www.thechurchinmalta.org